

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Kummerċjali Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > [Poland](#)

Reġistri kummerċjali fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn
Polonja

Polonja



Din it-taqsimha tagħtik ħarsa ġenerali lejn ir-reġistru tan-negozji tal-Polonja.

Informazzjoni ġenerali dwar kif isir in-negozju

Il-kundizzjonijiet għall-bidu u t-twettiq ta' attività ta' negozju minn imprendituri fil-Polonja huma rregolati mill-[Att dwar in-Negozju tas-6 ta' Marzu 2018](#). Ir-regoli għall-bidu, għat-twettiq u għat-terminazzjoni ta' attività ta' negozju minn persuni barranin huma rregolati minn dispożizzjonijiet separati, b'mod partikolari [l-Att dwar ir-regoli li jirregolaw il-parteċipazzjoni ta' impriżi barranin u persuni barranin oħra f'attivitajiet kummerċjali fil-Polonja](#).

Imprendituri li jwettqu negozju jew attività professjonali f'isimhom stess li joperaw bħala kumpaniji, fondazzjonijiet u assoċjazzjonijiet tal-liġi kummerċjali u entitajiet oħra huma soġġetti għad-dħul fir-reġistru tan-negozji tar-Reġistru tal-Qorti Nazzjonali (Krajowy Rejestr Sądowy - KRS);

Imprendituri li jwettqu attività ta' negozju bħala operatori uniċi (jiġifieri persuni fiżiċi u soċji f'soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili) huma soġġetti għad-dħul fir-Reġistru tan-Negozji Ċentrali (Centralna Ewidencja Działalności Gospodarczej - CEIDG) f'konformità mar-regoli ddefiniti fl-[Att dwar ir-Reġistru Ċentrali u r-Repożitorju tal-Infurmazzjoni dwar l-Attività Ekonomika u l-Punt ta' Informazzjoni għan-Negozji tas-6 ta' Marzu 2018](#).

Ir-reġistru tan-negozji Pollakk

Ir-Reġistru tal-Qorti Nazzjonali huwa bażi tad-*data* tal-IT ċentrali magħmula minn tliet reġistri separati:

- ir-reġistru tan-negozji;
- ir-reġistru tal-assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet soċjali u professjonali oħra, fondazzjonijiet u istituzzjonijiet pubbliċi tal-kura tas-saħħa;
- u r-reġistru tad-debituri insolventi (issostitwiti mir-Reġistru Nazzjonali tad-Debituri tal-1 ta' Diċembru 2021).

Ir-Reġistru tal-Qorti Nazzjonali ġie stabbilit skont [l-Att dwar ir-Reġistru tal-Qorti Nazzjonali tal-20 ta' Awwissu 1997](#) u ilu operazzjonali mill-1 ta' Jannar 2001.

Ir-Reġistru tal-Qorti Nazzjonali għandu l-għan li jipprovdi aċċess universali, rapidu u affidabbli għal informazzjoni dwar l-istatus legali tal-entitajiet irreġistrati ([Uffiċċju tal-Infurmazzjoni Ċentrali tar-Reġistru tal-Qorti Nazzjonali](#)), l-aspetti ewlenin tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom u dwar il-mod li bih huma rrappreżentati dawn l-entitajiet.

Skont il-proċedura ta' reġistrazzjoni Pollakka, it-talbiet tal-applikanti huma vverifikati mill-qorti tar-reġistru.

Skont l-Artikolu 23 tal-Att dwar ir-Reġistru tal-Qorti Nazzjonali, il-qorti tar-reġistru twettaq kontrolli sostantivi dwar l-applikazzjoni għad-dħul fir-Reġistru u dwar id-dokumenti ta' akkumpanjament. Il-qorti tivverifika wkoll l-eżattezza tad-*data* ta' identifikazzjoni tal-entità (isem u kunjom, PESEL [in-numru ta' reġistrazzjoni ċivili], l-isem jew il-kumpanija tal-entità, REGON [in-numru tar-reġistru tan-negozji uffiċjali nazzjonali] u n-numru KRS); il-qorti tivverifika wkoll *data* oħra fl-applikazzjoni jekk ikollha dubju raġonevoli dwar il-veraċità tagħha.

Mill-1 ta' Lulju 2021 il-proċedura għar-reġistrazzjoni fir-reġistru tan-negozji tal-KRS twettqet esklużivament online.

L-applikazzjonijiet u d-dokumenti li jikkostitwixxu r-raġunijiet għad-dħul huma sottomessi mill-imprendituri li jużaw is-sistema tal-IT tal-[Ministeru tal-Ġustizzja](#) u magħmula disponibbli bla ħlas fir-Repożitorju tal-Fajls ta' Reġistrazzjoni wara l-konklużjoni tal-proċedura.

L-applikazzjonijiet (formoli) u d-dokumenti sottomessi mill-imprendituri qabel l-1 ta' Lulju 2021 huma disponibbli (f'forma stampata biss) fis-sede tal-qorti tar-reġistru kompetenti għall-imprenditur ikkonċernat.

Id-dokumenti finanzjarji li jikkonċernaw imprendituri mdaħħla fir-Reġistru tal-Qorti Nazzjonali jinħażnu u jitpoġġew disponibbli online bla ħlas fir-Repożitorju tad-Dokumenti Finanzjarji apposta.

Ir-Reġistru tal-Qorti Nazzjonali huwa parti mis-Sistema ta' Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali (BRIS), imsemmija fl-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (ĠU L 169 tat-30 ta' Ġunju 2017, p. 46-127), ("is-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri"). Skont l-Artikolu 4a tal-Att dwar il-KRS, l-Uffiċċju tal-Infurmazzjoni Ċentrali tal-KRS juża s-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri biex:

(1) jagħmel disponibbli bla ħlas informazzjoni aġġornata dwar kumpaniji b'responsabbiltà limitata, kumpaniji b'ishma konġunti, soċjetajiet limitati b'ishma, kumpaniji Ewropej u fergħat ta' imprendituri barranin li joperaw fil-Polonja u informazzjoni dwar it-tneħħija ta' dawn l-entitajiet mill-KRS u l-lista ta' dokumenti msemmija fl-Artikolu 4(4a) tal-Att dwar il-KRS;

(2) jagħmel disponibbli kopji ta' dokumenti sottomessi f'forma stampata u dokumenti sottomessi fil-forma elettronika msemmija fl-Artikolu 4(3a) tal-Att dwar il-KRS;

(3) jibgħat lir-reġistri ddedikati informazzjoni dwar il-ftuħ ta' proċeduri ta' likwidazzjoni, il-konklużjoni ta' proċeduri ta' likwidazzjonijiet, dikjarazzjonijiet ta' falliment, il-konklużjoni ta' proċedimenti ta' insolvenza u dwar it-tneħħija tal-kumpaniji msemmija fil-punt 1;

jibgħat lir-reġistri ddedikati informazzjoni dwar il-fużjonijiet transfruntieri.

L-aċċess għar-reġistru tan-negozji Pollakk huwa bla ħlas?

Iva, l-aċċess għar-Reġistru tal-Qorti Nazzjonali huwa bla ħlas.

Kif tfittex fir-reġistru tan-negozji Pollakk

Tista' tfittex fir-reġistru tan-negozji Pollakk billi tuża t-termini ta' tiftix li ġejjin:

- in-numru tal-entità fir-reġistru (numru tal-KRS);
- in-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa (NIP);
- in-numru ta' identifikazzjoni tar-REGON;
- isem l-entità.

Links utli

[L-Att tal-20 ta' Awwissu 1997 dwar ir-Reġistru tal-Qorti Nazzjonali](#)

[Portal tar-Reġistri tal-Qorti](#)

L-aħħar aġġornament: 28/08/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.